## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 29 ta' Mejju 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR AUDREY MICALLEF)**

**VS**

**CHARLTON MICALLEF**
(K.I. NRU. 0051599M)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Charlton Micallef** ta' 26 sena, iben Carmelo Micallef u Rita xebba Dalli, imwieled nhar il-31 ta' Jannar 1999 ġewwa l-Pietà u residenti ġewwa 87, Flat 5, Triq San Ġwann, Bormla u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0051599M u akkużat talli nhar is-27 ta' Mejju 2025 u fil-ġurnata ta' qabel u ċioè fis-26 ta' Mejju 2025, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipporovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, inġurja u/jew hedded lill-eks sieħba tiegħu Joanne Finocchiaro bi kliem, jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih ('telephone');

U iktar talli nhar is- 26 ta' Mejju 2025 bejn il-ħinijiet ta' 16:45hrs (ta' wara nofsinhar) u 18:00hrs (ta' filgħaxija) ġewwa Bormla:

3. Volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew l-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied;

4. Il-Qorti kienet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Charlton Micallef a benefiċju ta' Joanne Finocchiaro u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuna ta' Joanne Finocchiaro u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Charlton Micallef b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-liġi, tordna lill-imsemmi Charlton Micallef sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar

solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa’ lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat u l-parte ċivile kien ilhom f’relazzjoni għal madwar tlett snin u nofs. Il-parte ċivile riedet ittemm ir-relazzjoni u dakinhar tal-akkużi hija marret id-dar ta’ fejn joqgħod l-akkużat, peress li kienet tgħix hemm hi wkoll, u bdiet tippakkja l-affarijiet tagħha biex tmur. X’ħin ra hekk, l-akkużat qabad il-basktijiet li kellha ppakkjati u tefagħhom fuq is-sodda u beda jsabbat mal-gwardarobba. Hu kellu suspett li kienet qed tittradih u għalhekk mar fit-triq fejn il-karozza tagħha u ħa l-mobile biex jiċċekkjalha l-messaġġi. Hu qabad flixkun li kien ippakjat fil-basktijiet tal-parte ċivile u kissru ma’ l-art. Hi telqet bil-karozza u wara ftit beda jibgħatilha xi messaġġi ta’ theddid.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tiegħu, u abbażi tal-fatt li l-Qorti m’għandiex raġuni għalfejn tiddubita mill-ammissjoni tal-akkużat, il-Qorti m’għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li dan kien inċident xprunat mill-weġa’ tal-qalb tal-akkużat. L-attitudni tiegħu, madanakollu, hija ħażina u ta stmerrija u żgur li ebda uġieħ ta’ qalb ma jiġġustifika aġir ta’ theddid jew vjolenti. Min-naħa l-oħra però, l-

akkużat ikkopera bis-sħiħ mal-pulizija u anke ammetta mal-ewwel it-twettq ta' dawn l-atti.

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li l-piena m'għandhiex tkun waħda ta' inkarċerazzjoni iżda waħda rijabilitattiva.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 49(a)(c) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Charlton Micallef <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberaħ bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien **<u>tlett (3)</u>** xhur mid-data ta' din is-sentenza kif ukoll għal multa ta' €250.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li huwa jifhem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom ikun instab ħati.

Illi l-Qorti qed tagħmel ukoll Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront tal-ħati a favur ta' **Joanne Finocchiaro** għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment;

Peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**